MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 178/2012

**A B**
**vs**
**C D u**
**E B, f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri FB u**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi hu ilu separat de facto minn ma' martu, l-konvenuta E B ghal aktar minn tlett snin;

2. Illi fit-18 ta' Frar, 2012, l-istess konvenuta weldet lit-tifel Ken, li gie registrat fuq l-att tat-twelid tieghu, numru

1274 ta' l-2012, bhala iben l-attur, u dan minhabba l-prezunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild ir-ragel ta' l-omm, kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, kif se jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, dan it-tifel m'huwiex il-wild ta' l-attur;

Talab lil din il-Qorti:

a. Tiddikjara li t-tifel Fiben il-konvenuta, li twieled fit-18 ta' Frar 2012, m’huwiex il-wild naturali ta' l-attur, izda huwa l-wild naturali ta' terza persuna;

b. tordna l-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-att tat-twelid ta' l-istess Ken, li jgib in-numru 1274 ta' l-2012;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li espona:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri FB, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha taht l-Artikolu 70A (2) billi tordna lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita’ kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

4. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem A B, senjament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn

hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1274/2012;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjes kontra r-rkorrenti.

Semghet ix-xhieda tal-attur u tal-konvenuta;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel Fli twieled fit-18 ta' Frar 2012 li fl-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala bin l-attur A B huwa fil-fatt iben terza persuna.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attur kien ilu separat de facto minn martu l-intimata E B ghal dawn l-ahhar tlett snin u tul dan iz-zmien qatt ma kellux relazzjoni intima maghha. Il-konvenuta ammettiet li t-tifel Fli twieled fit-18 ta' Frar 2012 m'huwiex il-wild naturali tal-attur.

It-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament li l-minuri m'huwiex iben l-attur A B.

**Konsiderazzjonijiet**
Din il-kawza hija wahda ta' *denegata paternita'* u giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 70 (1) (d) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi r-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludi dik il-paternita'"*

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-terminu tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa -*
*(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta'; jew*
*(b) jekk ma jkunx tal-eta' jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f'kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista' tahtar it-tuutr li t-tifel ga jkollu;*

(2) *F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.*

U fit-termini ta' l-artikolu 73 (c) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:
*"Fil-kaz illi r-ragel jista jaghmel l-kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*
(c) *fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-*denegata paternita* twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat.

2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur :

1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri FB mhux il-wild naturali ta' tal-attur izda ta' missier mhux maghruf.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru 1274 ta' 2012 fejn fil-kolonna intestata missier it-tarbija jigu kancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf filwaqt li wara isem E B jitnehhew il-kliem "the said".

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta E B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------